ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IL-LIVELLI 5 – 6 – 7 |
|---|

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmu l-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom: ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom: ***" Issa se naqralkom l-ewwel silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

3. L-għalliema jaqraw l-ewwel silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***

4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tal-ewwel silta. Wara jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

5. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu ftit ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Wara jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom it-tieni silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

6. L-għalliema jaqraw it-tieni silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***

7. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.

8. L-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

9. Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***" Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi."***

10. L-għalliema inkarigati jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru u l-istudenti jistgħu jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## Il-Qari tal-Ewwel Silta: **Drawwa fid-deżert**

Żewġt irġiel Sudaniżi kienu qed jaqsmu d-deżert meta raw tinda tal-bedwini. Ħadu r-ruħ għax ix-xemx tiżreġ kienet għajjiethom. Il-bedwin flimkien ma' martu laqagħhom ħafna. Tahom l-ilma u qatlilhom ġemel u laħmu ġie servut f'ikla kbira.

L-għada filgħodu l-irġiel komplew il-vjaġġ tagħhom. Iżda qabel telqu, billi ma sabux lill-bedwin fit-tinda, qabdu mitejn dinar, tawhom lil martu u rringrazzjawha.

Kienu ilhom miexja meta vuċi tgħajjat warajhom ħasdithom. Ħarsu lura u jaraw lill-bedwin. Kif laħaqhom inxteħet għarkupptejh quddiemhom u tahom lura l-flus li kienu ħallew. L-irġiel stagħġbu u ma ridux jieħdu l-flus. Iżda l-bedwin uriehom li bħalma d-deżert jilqa' lill-bedwini kull fejn ikunu u ma jitlobhom xejn lura, l-istess jagħmlu huma mal-barranin li jiltaqgħu magħhom fid-deżert.

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-irġiel kienu qed jaqsmu:
   - a. ix-xmara ❑
   - b. id-deżert ❑
   - ċ. il-baħar ❑

2. Il-bedwin tahom jieklu l-laħam tal-:
   - a. majjal ❑
   - b. ġemel ❑
   - ċ. ħmar ❑

3. Huma komplew il-vjaġġ tagħhom l-għada:
   - a. filgħodu ❑
   - b. waranofsinhar ❑
   - ċ. filgħaxija ❑

4. Waqt li kienu mexjin biex inħasdu?
   - a. mir-ramel li kien qed itir ❑
   - b. minn vuċi tgħajtilhom ❑
   - ċ. intebħu li ġew misruqa ❑

5. L-irġiel stagħġbu peress li l-bedwin:
   - a. beda jiġġieled magħhom ❑
   - b. tahom il-flus lura ❑
   - ċ. beda jkanta u jiżfen ❑

## Il-Qari tat-Tieni Silta: **Il-Bebbuxu**

Il-bebbuxu huwa l-aktar kreatura lajma fid-dinja. Infatti jimxi madwar 50 metru fis-siegħa u dejjem f'forma ta' ċirku. Il-bebbux huwa veġeterjan u jiekol kwalunkwe frott, ħaxix u żrieragħ. Għajnejh jinsabu f'tarf l-antenni t-twal filwaqt li bl-antenni l-qosra jxomm u jħoss dak li jkun qed jiġri madwaru. Il-bebbuxu ma jismax u fil-fatt m'għandux widnejn. Ma jagħmilx ħsejjes u jikkomunika ma' sħabu bil-mess. Għandu sens ta' xamm qawwi ħafna li jużah biex isib l-ikel. Tkun taf kemm għandu żmien billi tgħodd iċ-ċrieki li jkollu fuq il-qoxra. Fost l-għedewwa tiegħu minbarra l-bniedem għandu l-ħanfus, il-fkieren, l-għasafar, is-sriep u ż-żrinġijiet. Il-bebbuxu jmut meta jiekol il-melħ jew iz-zokkor.

**Taħriġ B. Wieġeb skont dak li smajt fis-silta. (5 marki)**

1. Il-bebbuxu huwa magħruf bħala kreatura:
   - a. ħabrieka ❑
   - b. lajma ❑
   - ċ. intelliġenti ❑

2. Il-bebbux iħobb jiekol:
   - a. il-laħam ❑
   - b. l-insetti ❑
   - ċ. il-ħaxix ❑

3. Permezz tal-antenni qosra l-bebbuxu:
   - a. jxomm ❑
   - b. jara ❑
   - ċ. jisma' ❑

4. Tkun taf kemm għandu żmien il-bebbuxu minn kemm ikollu:
   - a. antenni twal ❑
   - b. ċrieki fuq il-qoxra ❑
   - ċ. qoxra b'saħħitha ❑

5. Dan joqtol lill-bebbuxu:
   - a. il-frott ❑
   - b. il-melħ ❑
   - ċ. in-nemel ❑

**TMIEM IL-KARTA**

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IL-LIVELLI 5 – 6 – 7 |
|---|

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

# IL-KARTA TAL-ISTUDENT/A

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

| IL-MARKA |
|---|
| ______ |
| 10 |

L-Ewwel Silta: **Drawwa fid-deżert**

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-irġiel kienu qed jaqsmu:

   a. ix-xmara ❑
   b. id-deżert ❑
   ċ. il-baħar ❑

2. Il-bedwin tahom jieklu l-laħam tal-:

   a. majjal ❑
   b. ġemel ❑
   ċ. ħmar ❑

3. Huma komplew il-vjaġġ tagħhom l-għada:

   a. filgħodu ❑
   b. waranofsinhar ❑
   ċ. filgħaxija ❑

4. Waqt li kienu mexjin biex inħasdu?

   a. mir-ramel li kien qed itir ❑
   b. minn vuċi tgħajtilhom ❑
   ċ. intebħu li ġew misruqa ❑

5. L-irġiel stagħġbu peress li l-bedwin:

   a. beda jiġġieled magħhom ❑
   b. tahom il-flus lura ❑
   ċ. beda jkanta u jiżfen ❑

It-Tieni Silta: **Il-Bebbuxu**

**Taħriġ B. Wieġeb skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. Il-bebbuxu huwa magħruf bħala kreatura:

   a. ħabrieka ❑
   b. lajma ❑
   ċ. intelliġenti ❑

2. Il-bebbux iħobb jiekol:

   a. il-laħam ❑
   b. l-insetti ❑
   ċ. il-ħaxix ❑

3. Permezz tal-antenni qosra l-bebbuxu:

   a. jxomm ❑
   b. jara ❑
   ċ. jisma' ❑

4. Tkun taf kemm għandu żmien il-bebbuxu minn kemm ikollu:

   a. antenni twal ❑
   b. ċrieki fuq il-qoxra ❑
   ċ. qoxra b'saħħitha ❑

5. Dan joqtol lill-bebbuxu:

   a. il-frott ❑
   b. il-melħ ❑
   ċ. in-nemel ❑

**TMIEM IL-KARTA**

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-LIVELLI**

**5 – 6 – 7**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| **IT-TIENI SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** ____________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| **Taqsima** | **A** | **B** | **Ċ** | **Di** | **Dii** | **Diii** | **E** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | **14** | **10** | **6** | **10** | **10** | **10** | **20** | **80** |
| **Marka tal-Istudent/a** | | | | | | | | |

**Kummenti:**

______________________________

______________________________

______________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Il-qari u l-ħlejjqiet ta' dinjet il-fantasija

Darba fuq xkaffa f'librerija, Kim lemħet il-ktieb *Il-ħlejqiet ta' dinjet il-fantasija*. *(par. 1)*



Kif kienet id-dar u bdiet tqalleb il-ktieb, intebħet li l-istejjer u l-istampi bdew jiċċaraw. Minnufih **għajnha marret biha** imma ma damitx rieqda għaliex qajjimha l-unikornu li kienet rat fil-ktieb. Huwa qalilha: "Kim, jien l-unika ħlejqa mid-dinja tal-fantasija li għadni ħaj. Għinna! Jekk il-bnedmin mhux se jaqraw, mhumiex se jiżviluppaw l-immaġinazzjoni u aħna, il-ħlejjaq tal-fantasija mmutu. Ħeġġeġ lill-bnedmin jaqraw għaliex meta jaqraw, jerġgħu jagħtuna l-ħajja." *(par. 2)*

Ma' dal-kliem, l-unikornu reġa' daħal fil-ktieb. Kim ftakret fil-preżentazzjoni li kellha u ddeċidiet li tagħmilha dwar il-qari. Iddispjaċieha li bħal ħafna, ma kinitx qed taqra u li minħabba f'hekk dinjet il-maġija ma baqgħetx tiġġedded. *(par. 3)*

Wasal jum il-preżentazzjoni. Kim ma xtaqitx li l-unikornu u sħabu jmutu. Għalhekk matul il-preżentazzjoni tant tkellmet b'passjoni dwar il-qari, li sħabha tal-klassi marru jissellfu l-kotba. Xtaqu li bħal Kim ikollhom dak l-entużjażmu frott il-qari. Qatt daqs dawk il-jiem, il-librerija ma rat daqshekk nies għax **il-kliem iqanqal u l-eżempju jkaxkar.** *(par. 4)*

Dakinhar tal-preżentazzjoni, Kim tant emmnet f'dinjet il-fantasija, li l-unikornu u sħabu reġgħu ħadu l-ħajja. Il-ktieb reġa' żżewwaq bil-kuluri u bl-ogħna stejjer. Għalkemm il-ktieb ħaditu lura, Kim baqgħet tiltaqa' mal-unikornu f'kotba oħra, li bħalu, kienu sors sabiħ fejn il-ħolm u l-fantasija jilħqu l-milja tagħhom. *(par. 5)*

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(14-il marka)** | ___ 14 |
|---|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.**

1. X'lemħet Kim darba u fejn?

   ________________________________________________(marka)

2. Xi ntebħet kif bdiet tqallbu?

_______________________________________________ (marka)

3. Min qajjimha u x'taħseb li jirrappreżenta?

_______________________________________________ (marka)

4. Skont dak li qal l-unikornu lil Kim, jekk il-bnedmin mhux se jaqraw, x'kien se jiġrilhom il-ħlejjaq tal-fantasija?

_______________________________________________ (marka)

5. Dwar xiex iddeċidiet li tagħmel il-preżentazzjoni tagħha Kim?

_______________________________________________ (marka)

6. Għaliex iddispjaċieha Kim?

_______________________________________________ (marka)

7. Għaliex taħseb li Kim tkellmet b'passjoni waqt il-preżentazzjoni tagħha fil-klassi?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

8. Taħseb li Kim irnexxielha tagħmel dak li xtaqet ma' sħabha, grazzi għall-preżentazzjoni tagħha? Għaliex taħseb hekk?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

9. Għaliex il-ktieb li ssellfet Kim mil-librerija, wara din il-preżentazzjoni reġa' mtela bil-kuluri u l-ogħna stejjer tal-fantasija, setgħu jerġgħu jinqraw?

_______________________________________________ (marka)

10. Għaliex Kim, minkejja li ħadet il-ktieb lura l-librerija, xorta waħda baqgħet tiltaqa' mal-unikornu?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

11. Taħseb li n-nuqqas ta' qari jista' jaffettwa l-immaġinazzjoni u l-kreattività tal-individwi? Għaliex taħseb hekk?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** | ___ **10** |
|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Immarka **l-għadd imtenni** tal-kelma b'linja taħtha: "għajnha marret biha" (par. 2) | (nofs marka) a. ❑ għajnejn | b. ❑ għajnha | ċ. ❑ għejun |
| 2. | Agħti **l-plural sħiħ** ta': librerija (par. 1) | (nofs marka) a. ❑ libretti | b. ❑ libreriji | ċ. ❑ librara |
| 3. | Agħti **l-plural miksur** ta': ktieb (par. 2) | (marka) a. ❑ ktejjeb | b. ❑ kitbiet | ċ. ❑ kotba |
| 4. | Aqta' linja taħt il-frażi li qiegħda f**l-istat kostrutt**. | (marka) Iddispjaċieha li bħal ħafna, ma kinitx qed taqra u li minħabba f'hekk dinjet il-maġija ma baqgħetx tiġġedded.(par. 3) | | |
| 5. | Uża **l-pronomi mehmużin** sabiex tikteb il-frażijiet mogħtija **f'kelma waħda**: | | | |
| | a. "dwar il-qari" (par. 4): | (nofs marka) i. ❑ dwaru | ii. ❑ dwarha | iii. ❑ dwarhom |
| | b. "jissellfu l-kotba" (par. 4): | (nofs marka) i. ❑ jissellfuh | ii. ❑ jissellfuha | iii. ❑ jissellfuhom |
| 6. | Mill-ħames paragrafu, sib **verb** skont l-għerq mogħti: | | | |
| | a. r-ġ-għ | (marka) | | |
| | b. l-ħ-q | (marka) | | |
| 7. | Immarka **n-nom verbali** ta': preżentazzjoni (par. 3) | (marka) a. ❑ ppreżentar | b. ❑ preżentaturi | ċ. ❑ preżenza |
| 8. | Immarka **l-parteċipju passiv femminil singular** ta': jiċċaraw (par. 2) | (marka) a. ❑ ċċarrat | b. ❑ ċċarata | ċ. ❑ ċċarati |
| 9. | Immarka **l-komparattiv tal-aġġettiv**: l-ogħna (par. 5) | (marka) a. ❑ għani | b. ❑ ogħna | ċ. ❑ l-aktar għani |
| 10. | Immarka t-tifsira t-tajba tal-**qawl**: *il-kliem iqanqal u l-eżempju jkaxkar* (par. 4) | a. ❑ Dak li jkun aktar jitħajjar u jitgħallem meta jisma' bil-kliem milli meta jara bl-eżempju. | | |
| | | b. ❑ Dak li jkun aktar ma jagħtix kas meta jara bl-eżempju milli meta jisma' bil-kliem biss. | | |
| | | ċ. ❑ Dak li jkun aktar jitħajjar u jitgħallem meta jara bl-eżempju milli meta jisma' bil-kliem biss. (nofs marka) | | |
| 11. | Ikteb kelma jew frażi oħra li għandha l-istess tifsira bħal din **l-idjoma**: *għajnha marret biha* (par. 2) | (nofs marka) ________________ | | |

| Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali | (6 marki) | ___ 6 |
|---|---|---|

Agħżel **waħda** minn **Ċi JEW Ċii**.

υ **Ċ1.** Ikteb **ittra elettronika** ta' madwar **40-60 kelma** lill-editur ta' gazzetta lokali, ***Il-Qawwara***.

- Agħmillu talba sabiex f'waħda mill-paġni tal-gazzetta li toħroġ kull nhar ta' Ħadd, jibda jagħmel paġna dwar kotba għall-qari bil-Malti;
- Issuġġerilu xi ideat oħra li permezz tagħhom din il-paġna tista' tqajjem interess fil-qarrejja sabiex jaqraw aktar kotba bil-Malti.

Ismek: Karl / Karla Micallef
Indirizz elettroniku tiegħek: krlmical@risqubarka.org
Indirizz elettroniku tal-editur tal-gazzetta: ilqawwara@gazzettalokali.org

**JEW**

υ **Ċ2.** Ikteb **ittra elettronika** ta' madwar **40-60 kelma** lis-Sindku tal-lokal tiegħek.

- Itolbu sabiex jorganizza serata fejn matulha r-residenti tal-lokal jattendu u jġibu magħhom ktieb għal qalbhom;
- Issuġġerilu xi ideat oħra li permezz tagħhom din is-serata tista' tiġbed ħafna residenti mil-lokal ta' etajiet differenti, fejn ilkoll jingħaqdu flimkien, sabiex quddiem residenti oħra jitkellmu dwar l-aktar ktieb li jħobbu.

Ismek: Marjo / Marija Borg
Indirizz elettroniku tiegħek: marborg@tikberutitgħallem.org
Indirizz elettroniku tal-editur tal-gazzetta: sindku@kunsillokali.org

**Immarka n-numru tal-mistoqsija magħżula** υ ❑ **Ċ1** ❑ **Ċ2**

| Ibgħat | | |
|---|---|---|
| | **Lil:** | |
| | **Mingħand:** | |
| | **Suġġett:** | |

___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________
___________________________________________

| **Taqsima D. Il-Letteratura** | **(30 marka)** | ____ 30 |
|---|---|---|

**Di. Il-Poeżija** (Nadriet 2 ta' Tarċisju Zarb) **(10 marki)**

1. Dawn huma xi strofi mill-poeżija **Ġejja x-Xita** ta' Mary Meilak.

**Il-ħuttaf ħafif daqs vleġġa,**
**Ħalla s-sema u ġie jbus l-art,**
**Ġewwa l-qliel in-naħal trekken,**
**Ħalla l-ġonna, reħa l-ward.**

**Il-qattusa ħiemda f'rokna,**
**Togħrok, togħrok lil widnejha**
**U t-tiġieġa tgerfex tgerfex**
**Sħab ta' trab qajmet b'dufrejha.**

**Il-bebbux sejjer jistaħba**
**Ġewwa t-toqba qalb il-blat**
**U l-kelb tħaxken maġenb sidu,**
**Qalbu sewda, nofs skantat.**



a. X'għamel il-ħuttaf kif ħass ix-xita ġejja? ______________________________ (marka)

b. Xi tfisser il-kelma "**qliel**" fil-poeżija?
i. post fejn joqgħod in-naħal ☐
ii. fjuri li jmorru fuqhom in-naħal ☐
iii. frieghi tas-siġar ☐ (marka)

ċ. X'għamlet it-tiġieġa? ______________________________ (marka)

d. Ikteb l-espressjoni li turik li l-kelb ma ħax gost bil-ħsieb li kienet ġejja x-xita?
______________________________ (marka)

e. Ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw: ______________ ______________ (marka)

2. Aqra din is-silta meħuda mill-poeżija ta' Rużar Briffa, **Ballata** u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

**Kien iż-żmien illi wlied Ġwanni**
**ħakmu l-gżira tal-Maltin;**
**staqsi għalihom xbejbiet Malta**
**minn xbubithom misruqin.**

**Pawla, Pawla, xi sbuħija**
**saħħret wiċċek u mixjitek?**
**Kont il-għaxqa minn ta' niesek:**
**Kemm malajr il-mewt ħatfitek!**



a. Liema żmien qed jirreferi għalih il-poeta?

i. żmien l-Ingliżi ❑
ii. żmien il-Kavallieri ❑
iii. żmien il-gwerra ❑ (marka)

b. Min kienet Pawla?

i. tfajla Maltija ❑
ii. omm il-poeta ❑
iii. il-mara tal-poeta ❑ (marka)

ċ. Xi ġralha Pawla meta l-poeta jgħid **Kemm malajr il-mewt ħatfitek**?

i. ħatfuha ❑
ii. inqatlet ❑
iii. serquha ❑ (marka)

d. Mill-istrofi t'hawn fuq ikkopja l-versi li juru kemm il-poeta kellu għal qalbu lil Pawla.

______________________________________________________________________ (marka)

e. Il-vers *kien iż-żmien illi wlied Ġwanni* fih:

i. 6 sillabi ❑ ii. 7 sillabi ❑ iii. 8 sillabi ❑ (marka)

**Dii. In-Novelli.** (Arja Friska 2: Antoloġija ta' Novelli) **(10 marki)**

Agħżel **TNEJN** minn dawn li ġejjin.

1. **Fulu u Skartoċċ** ta' Paul P. Borg (5 marki)

| Immarka dawn li ġejjin skont jekk it-tagħrif mogħti huwiex veru jew falz. | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| a. | F'din in-novella jidher ċar li l-karattri kellhom rispett lejn l-ambjent. | | |
| b. | Biex isajru qaċċtu u qabbdu z-zkuk ta' ħarruba. | | |
| ċ. | Ir-raġel xtaq jiġbor xi frott mill-għalqa biex jikluh bħala deżerta. | | |
| d. | Ir-raġel ġab xi skrataċ mill-karozza biex jitfagħhom fl-għalqa biex jeħlu l-kaċċaturi. | | |
| e. | Fi tmiem in-novella r-raġel jintefa' jaqra l-faċċata tal-ambjent tal-gazzetta. | | |

2. **Id-Dilemma ta' Sara** ta' Nora Macelli (5 marki)

| Immarka dawn li ġejjin skont jekk it-tagħrif mogħti huwiex veru jew falz. | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| a. | Iċ-ċentru ta' detenzjoni kien fil-qalba tar-raħal. | | |
| b. | Mill-għalqa, Sara setgħet tara xi immigranti reqdin fit-tined. | | |
| ċ. | Ir-raġel Afrikan li rat Sara kellu ħafna ġuħ u Sara ħallietlu l-ikel tagħha. | | |
| d. | Sara rat xi suldati għassa, mistoħbija fil-ħaxix. | | |
| e. | Minn din in-novella nitgħallmu li l-bnedmin kollha jixirqilhom rispett u stima. | | |

3. **Wild Mifxul** ta’ Lino Spiteri (5 marki)

| Immarka dawn li ġejjin skont jekk it-tagħrif mogħti huwiex veru jew falz. | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| a. | Fil-bidu tan-novella jidher li l-omm kienet mat-tifel f’xelter. | | |
| b. | It-tifel tan-novella kellu isem komuni bħal tal-oħrajn. | | |
| ċ. | Missier it-tifel kien iħeġġeġ lil ibnu biex ma joqgħodx jaħli żmien fil-qari. | | |
| d. | Il-ħsieb tal-gazzetta tat-tfal imliet lit-tifel b’ferħ kbir. | | |
| e. | Minn din in-novella napprezzaw kemm it-tifel kellu karattru sod. | | |

4. **L-Għolja tad-Deheb u tat-Teżori** ta’ Ġorġ Pisani (5 marki)

| Immarka dawn li ġejjin skont jekk it-tagħrif mogħti huwiex veru jew falz. | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| a. | Din in-novella hija dwar is-sejba ta’ għoġol tad-deheb fuq l-għolja Għawdxija ta’ Gelmus. | | |
| b. | Żabbetta, il-mara ta’ Sidor qalet lil kulħadd bis-sejba li kien għamel żewġha. | | |
| ċ. | Is-Sur Pupull spiċċa l-ħabs għax seraq l-għoġol tad-deheb mingħand Sidor. | | |
| d. | Peress li s-Sur Pupull bdew jagħtuh is-swat tliet darbiet kuljum, kixef is-sigriet tal-moħba. | | |
| e. | Il-messaġġ prinċipali ta’ din in-novella huwa li fuq l-għolja Għawdxija għadu jinstab id-deheb sal-lum. | | |

**Diii. Ir-Rumanz** (Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta ta’ Trevor Żahra) **(10 marki)**

> **“... dawk t’hemm isfel fommhom issiġillat għax jinsabu taħt is-saqaf. Imma jien ħieles aktar minnhom... Dik it-tfajla kienet l-unika mara li qatt mietet taħt dan is-saqaf. L-ispirtu tagħha baqa’ jrid jitħallas... u mas-snin l-ispirtu ħakem id-dar kollha, kull ġebla u kull maduma, kull tieqa u bieb.”**

Dawn huma partijiet mill-konverżazzjoni li kellu Toni ma’ Danjeli.

1. Danjeli kien iqis lilu nnifsu ħieles aktar mill-oħrajn għax kien joqgħod:

   a. fuq il-bejt ❑ b. fil-kamra ta’ wara l-fuklar ❑ ċ. f’kamra arjuża ❑ (marka)

2. Min kienet omm Danjeli?

   a. in-nanna Ġolina ❑ b. iz-zija Antida ❑ ċ. Marmion ❑ (marka)

3. X’kien jisimha t-tfajla li semma Danjeli?

   a. Antida ❑ b. Grace ❑ ċ. Marmion ❑ (marka)

4. X’kien jeħdilha Toni biex trattab qalbha?

   a. fwieħa ❑ b. fjuri ❑ ċ. bnadar ❑ (marka)

5. Minn xiex kien jibża' dan Danjeli u x'kien iħobb?
Kien jibża' mill-_______________________________ u jħobb il-_____________________(marka)

6. Fejn kien miet Danjeli? a. fil-kamra taz-zija Antida ☐
b. minxur f'nofs ta' triq wara li kienu ġrew warajh ☐
ċ. marbut bil-bnadar quddiem il-fuklar ☐ (marka)

7. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxa ta' taħt. Mhux il-kliem kollu jrid jintuża. (4 marki)

Fra Claude Roussel kien __________________ sinjur u sar iħobb tfajla. Imma peress li kellu qalbu marbuta mal-ġid u l-unuri ma wasal qatt biex jiżżewwiġha. It-tfajla tilfet il-fiduċja fih u bdiet tħobb lil __________________. Meta sar jaf il-Kavallier bagħat għaliha u __________________ b'daqqa ta' stallett u bil-biża' li jinqabad difinha fil-kamra ta' wara l-__________________. Bil-ħtija weħel l-imsejken żagħżugħ li kellha t-tfajla.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| qatilha | fuklar | sajjied | kavallier | kċina | ġeneral | qaddief | Danjeli |

**Taqsima E. Il-Komponiment** **(20 marka)** ____ / **20**

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **250 kelma** fil-linji pprovduti.

1. **Narrattiv:** *Ibda l-komponiment b'dan li ġej.* Kien baħar jibla' l-art meta Nardu ħareġ bid-dgħajsa ta' missieru ...

**Għajnuniet:**

- **Tinsiex li dan il-komponiment trid tibdieh bis-sentenza mogħtija.**
- Min kien Nardu? Agħti deskrizzjoni ta' dan it-tifel/ġuvni.
- X'tip ta' temp kien dakinhar li Nardu ħareġ bid-dgħajsa ta' missieru? Is-sema, ir-riħ, il-kesħa, il-baħar, ix-xita...
- X'tip ta' dgħajsa kienet dik li ħareġ biha Nardu? Kienet dgħajsa kbira, ġdida u moderna jew żgħira u qadima? Kellha mutur u moqdief jew moqdief biss?
- Għaliex dakinhar Nardu ħareġ b'din id-dgħajsa? X'kien ġara daqshekk urġenti li ħareġ f'temp daqshekk ikrah?
- Kif tintemm din l-istorja? Xi ġralu Nardu? Irnexxielu jasal/jsib dak li ħareġ għalih? Irnexxielu jerġa' jasal lura fuq ix-xatt jew ġralu xi ħaġa?
- Hemm xi tagħlima f'din l-istorja? Jekk iva, orbotha mal-istorja li għadek kemm irrakkuntajt.

2. **Deskrittiv:** Basket tal-iskola li niddisinja jien.

**<u>Għajnuniet</u>:**

- Ta' liema daqs hu u x'kulur/i għandu dan il-basket?
- X'funzjonijiet partikolari għandu dan il-basket?
- B'liema tip ta' materjal huwa magħmul? Jiflaħ għall-elementi (xemx, xita...)?
- Kif jinfetaħ u jingħalaq: b'mod awtomatiku, għandu xi zippijiet jew mod ieħor?
- Jipprovdi aċċess għall-internet?
- X'għandu differenti minn basktijiet tal-iskola oħra u li ssib fil-ħwienet?

3. **Argumentattiv:** Il-kotba għandhom jinqraw minn fuq il-kompjuter u mezzi teknoloġiċi oħrajn (*laptop, tablet, kindle*...), jew billi jinżammu fl-idejn u jiddawru l-paġni b'mod tanġibbli? Iddiskuti.

**<u>Għajnuniet</u>:**

- Taħseb l-avvanz u l-progress fit-teknoloġija affettwa l-mod kif isir il-qari tal-kotba? Jekk iva, spjega kif.
- X'vantaġġi u żvantaġġi hemm għal dawk li jaqraw minn fuq il-kompjuter?
- X'vantaġġi u żvantaġġi hemm għal dawk li jaqraw mill-kotba?
- Minn fejn taħseb li t-tfal, iż-żgħażagħ u persuni aktar maturi jħobbu jaqraw l-aktar?
- Inti x'tippreferi, li taqra ktieb minn fuq il-kompjuter jew li tintasab xi mkien għall-kwiet u bil-ktieb f'idejk iddawwar il-paġni u tħoss l-istorja?
- Agħti r-raġunijiet tiegħek għall-opinjoni tiegħek jiġifieri jekk taqbilx li l-kotba llum il-ġurnata għandhomx jinqraw b'mod elettroniku, b'mod tanġibbli jiġifieri mhux minn fuq il-kompjuter imma fl-idejn jew mod ieħor.

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**

**Immarka n-numru tal-komponiment magħżul ט**

❑ **1** ❑ **2** ❑ **3**

**TMIEM IL-KARTA**